SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 42/K8/17

Data tal-laqgħa: 15 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (2)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 1123/18)
Edgar Montanaro - Kunsillier (Inc. 1157/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Segretarja

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

42.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier Edgar Montanaro talbu li jiġu skużati għal-laqgħa ta' llum minħabba li jinsabu ndisposti.

42.1.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu skużati għal-laqgħa.

**42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

42.2.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab korrezzjoni ta' Minuti 41/K8/18 sabiex jigi mniżżel li staqsa dwar l-ATM ta' Ta' Giorni u s-segretarju rrispondih li konna qed nistennew mill-Dipartiment tal-Artijiet.

42.2.02 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 41/K8/18 għall-approvazzjoni bil-korrezzjoni li saret.

42.2.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 41/K8/18 wara l-korrezzjoni li saret.

42.2.04 Il-Kunsillier  Martin John Sultana ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 41/K8/18 wara l-korrezzjoni li saret.

42.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

42.2.06 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab jekk kienx hemm żvilluppi dwar il-ground tal-futbol ta' Ta' Ġiorni. Is-Segretarju spjega li bħalissa għaddejjin taħditiet mas-Sinjura Marisa Pisani Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex it-talba tagħna tiġi milqugħha mill-Awtorita' ta' l-Artijiet.

42.2.06 Il-Kunsillier John Agius talab x'sar mill-monument tal-Gwerra hu ġie nfurmat li bħalissa għandha qed nistennew l-approvazzjoni min-naħa tal-MEPA.

42.2.07 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar il-kontijiet pendenti li kien hemm tas-Sur Raymond Attard, iċ-Ċermen infurmah li s'issa għadna qed nistennew risposta min-naħa tad-Dipartiment.

42.2.08 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg informa lill-Kunsill li s'issa d-dawl ta' madwar iż-*zebra crossing* li hemm quddiem il-*construction site* ta' Triq Birkirkara li għandhom ma sarux. Huwa ġie nfurmat li ser jerġa jintbagħat *reminder.*

42.2.09 Il-Kunsillier Martin John Sultana informa u rringrazzja lil-Kunill li d-dawl ta' madwar iż-*zebra crossings* f'Ta' Giorni saru.

**42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

42.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li waqt il-laqgħa tar-Reġjun Ċentru li saret nhar l-Erbgha 14 ta' Frar 2018, ingħataw l-ammont ta €50,000, filwaqt li ser jingħataw ukoll l-ammont ta' €96,000 min-naħa tar-Reġjun iżda dawn mhux ser jingħataw il-Kunsilli, dawn ser jintefqu mir-Reġjun fuq *Cultural Events*.

42.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-ittra fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet li kienu ingħataw qabel ir-reġjuni, dawn qed jintbagħtu u qed isiru l-pagamenti tagħhom.

42.3.03 Fir-rigward il-proġett ta' Mercury House, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa ma' l-amministratturi ta' Mercury House, huwa ġie nfurmat li mill-Buco' *Café* sal-lights ta' St. Andrew's din ser tinqala' u ser issir bit-tarmak. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ittra lit-Transport Malta sabiex jagħtu wiċċ ġdid lit-triq minn fejn il-Buco' *Cafe'* sal-Pjazza Spinola.

42.3.04 Fir-rigward Triq Patrick Brydone, ċ-Ċermen informa lill-Kunsill li issa it-tarmak sar u anke twaħħal id-dawl u anke l-iskart qiegħed jinġabar wara l-bieb tagħhom. Il-Kunsillier Martin John Sultana ġibed l-attenzjoni li s-sinjali ta' din il-parti tat-triq għandhom ma sarux.

42.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-kors tal-yoga beda filwaqt li fir-rigward il-kors tal-komputers din ser issir laqgħa llum.

42.3.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hemm għajdut li ġo Paceville ser jitwaqqaf *Town Management Commitee*, huwa informa lill-Kunsill li min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv diġa' ġie deċiż u ntbagħtet ittra lill-Onor. Silvio Parnis sabiex din il-materja tiġi diskussa minħabba li l-Kumitat Amministrattiv qatt ma ġie kkonsultat b'dawn it-tibdiliet li ser isiru. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li din il-ġimgħa saret laqgħa ma' Transport Malta fejn huwa semma' l-ilment tal-Kumitat Amministrattiv fuq din il-materja. Ġie deċiż li għandha tintbgħat ittra lill-Onor. Silvio Parnis kif ukoll tintbagħat kopja lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-

Sur Natalino Attard kif ukoll lis-Sur Adrian Mifsud Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

42.3.07 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hemm bord sabiex jiġi diskuss l-*border line* li hemm bejn Pembroke u San Ġiljan. Din il-laqgħa ser issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar 2018 fit-3.00p.m.

42.3.08 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li konna applikajna sabiex inkunu partners fi proġett ta' networking fejn fiha ser jintużaw l-fondi ta' l-EU. Illum saret l-applikazzjoni kollha u suppost sa l-aħħar ta' Novembru ser isiru xi attivitajiet.

42.3.09 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li saret talba mingħand il-Perit Chris Grech sabiex jitneħħew il-fanali li hemm mar-restorant bl-isem Parapett fi Triq Gort. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandha ssir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa t-talba tiegħu.

42.3.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva ittra mingħand *Malta Tourism Authority* dwar l-lista tat-toroq li ma jkunx jista' jsir *escavation* jew *demolition* waqt il-perjodu tas-sajf. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandhom jiżdiedu dawn it-toroq: Triq is-Sur Fons, Triq Scicluna, Triq il-Karmelitani, Triq il-Karmnu, Triq Sant'Anġlu u Triq Sant' Elija. Filwaqt li jitneħħew Triq L.V. Farrugia kif ukoll Wesghet George Portanier minħabba li dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbli ta' San Ġiljan.

43.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'email li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Mary Muscat dwar il-Laqgħa Annwali ta' l-lokalita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-laqgħa ser issir nhar il-Ġimgħa 13 ta' April 2018 fis-7.00p.m. fl-Iskola Primarja ta' San Ġiljan.

**42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

42.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana informa lill-Kunsill li hemm żewġ arbli fi Triq Lapsi li qegħdin perikolużi.

42.4.02 Il-Kunsillier John Agius informa lill-Kunsill li t-*telephone boxes* li dawn għandhom hemm u mhux qed jintużaw. Huwa ġie nfurmat li tkellimna mal-Go u qalulna li f'ċertu żoni ma jistgħux jitneħħew.

42.4.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg informal ill-Kunsill li llum sar il-*hearing* fir-rigward il-Villa Rosa,filwaqt li l-ġimgħa id-dieħla ser issir *public hearing* li ser tkun miftuħa għall-pubbliku. Huwa spjega kif ser isir dan il-proġett. Għandha tinkiteb ittra b'mod urġenti lill-Water Services dwar l-effett ta' dan il-proġett fuq is-sistema mad-drenaġġ u distribuzzjoni ta' l-ilma.

**42.5 Rapport Finanzjarju**

42.5.01 Is-Segretarju ressaq ir-Rapport Finanzjarju fejn ta spjegazzjoni tiegħu. (Ara Appendiċi 'A')

42.5.02 Il-Viċi-Sindku Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

42.5.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah fl-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

42.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**42.6 Ħatra ta' l-Bord ta' l-Evalwazzjoni;**

42.6.01 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2018 seħħ tibdil ta' kif jiġu evalwati l-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun responsabbli li jiddeċiedi l-proċess li għandu jintuża għall-offerti skond il-linja gwida filwaqt li l-kumitat ta' l-evalwazzjoni għandu jkun magħmul minn Ċermen (li jista' jkun membru elettiv), espert fil-finanzi (jista' jkun l-accountant tal-Kunsill), espert legali u espert fix-xogħolijiet (rappreżentant tal-Perit). Għalhekk il-Kumitat ta' Evalwazzjoni b'mod ġenerali ġew innominati u maħtura -: Is-Sur Guido Dalli bħala Ċermen, is-Sur Daniel Galea (espert fil-finanzi), is-Sur Jonathan Grech (espert tal-perit) u l-Avukat Maurice Meli (espert tal-liġi).

**42.7 Festa San Patrizju;**

42.7.01 Iċ-Ċermen informa li saret laqgħa mal-Pulizija iżda ma konklussiva. Għalhekk ser issir laqgħa oħra biex jiġi diskussi traffic management u l-infurzar tal-liġi waqt il-festa ta' San Patrizju. Fl-istess ħin ser issir laqgħa ma' tal-ħwienet u biex ninfumawhom dwar l-ispejjez li huma nvoluti.

**42.8 Talbiet żgħar;**

**42.8.01 Email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar PA/10599/17 fi Triq il-Karmnu (Inc. 410/18)**

42.8.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar PA/10599/17 fi Triq il-Karmnu. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li għandu jintbagħat oġġezzjoni fuq din il-materja.

**42.8.02 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirkulari AKL 2018/008 – Inizjattiva MCCF 2018 (Inc. 687/18)**

42.8.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirkulari AKL 2018/008 – Inizjattiva MCCF 2018. Din iċ-ċirkulari għandha tintbagħat lill-Kunsilliera sabiex min-naħa tagħhom jiġi kkonfermat jekk jixtiequx jipparteċipaw f'din iċ-ċirkulari.

**42.8.03 Email mingħand is-Sinjura Camilla Appelgren dwar Earth day clean up 2018 (Inc. 699/18).**

42.8.03.01 Saret riferenza għall-email is-Sinjura Camilla Appelgren dwar Earth day clean-up 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din ser jieħu ħsiebha ċ-Ċermen.

**42.8.08 Email mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta dwar programm ta' mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali tal-Balluta (Inc. 738/18)**

42.8.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta dwar programm ta' mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ntellgħu din l-attivita' flimkien u l-Kunsill lest li joħroġ is-somma ta' €1,000 bħala kontribut da parti tiegħu.

**42.8.09 Email mingħand is-Sinjura Debbie Cooper dwar il-World Cup Village (Inc. 773/18, 966/118)**

42.8.09.01 Saret riferenza għall-emails mingħand is-Sinjura Debbie Cooper dwar il-World Cup Village. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill mhux qiegħed jaqbel ma' din il-proposta minħabba li diġa hemm talba li ġiet approvata għall-area ta' Spinola filwaqt li fil-Pjazza ta' Balluta ma tistax issir minħabba li din iż-żona għandha tinżamm kwieta.

**42.8.10 Email mingħand il-Perit Erick van Egeraat rigward Balluta Square (Inc. 840/18)**

42.8.10.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Erick van Egeraat rigward Balluta Square. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jerġa jintbagħat reminder minħabba li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

42.8.10.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-7.05p.m.

**42.8.11 Email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 1/2018 – Skema – Korsijiet Lifelong Learning 2018 – 2019 (Inc. 873/18**

42.8.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 1/2018 – Skema – Korsijiet Lifelong Learning 2018 – 2019. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li napplikaw għaliha.

**42.8.12 Email mingħand is-Sinjura Kristina Agius dwar Marketing Launch (Inc. 882/18)**

42.8.12.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Kristina Agius dwar Marketing Lauch. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx ma din il-proposta.

**42.8.13 Email mingħand is-Sur Franco Vassallo dwar Villa St. Ignatius (Inc. 1000/18)**

42.8.13.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Franco Vassallo dwar Villa St. Ignatius. Il-Kunsill ġie nfurmat li min-naħa ta' l-Amministrazzjoni konna diġa daħalna l-oġġezzjoni f'isem il-Kunsill.

**42.8.14 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/014 – WiFi4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali (Inc. 1020/18)**

42.8.14.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/014 – WiFiEU Sejħa għall-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill lest li jipparteċipa.

42.8.15 **Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/015 – MEUSAC u Playing fields.**

42.8.15.02 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/015 – MEUSAC u Playing fields. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jipparteċipawx.

**42.8.16 Email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder dwar Triq il-Kbira**

42.8.16.01 Iċ-Ċermen ressaq email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder dwar Triq il-Kbira huwa spjega li hu f'isem il-Kunsill ser ikun qiegħed jissottometti l-oġġezzjoni.

**42.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

42.09.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 37/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**42.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

42.10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (*Ara appendiċi 'B'*)

42.10.02 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

42.10.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

**42.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

42.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4360 sa 4384. (*Ara appendiċi 'Ċ'*)

42.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**42.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

42.12.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018 fl-4.00p.m.

42.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 8 ta' Marzu 2018